Nru./No. 20,644
Prezz/Price
€0.36

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 14 ta' Ġunju, 2021
Monday, 14th June, 2021

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

### SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........................................ 6029 - 6030
*Government Notices ........................................ 6029 - 6030*

Avviżi tal-Gvern ........................................ 6030
*Notices ........................................ 6030*

Avviżi tal-Qorti ........................................ 6031 - 6032
*Court Notices ........................................ 6031 - 6032*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 805**

**ORDNI DWAR IL-PERJODU TA' KWARANTINA U ORDNI DWAR L-ESTENSJONI TAL-PROJBIZZJONI FUQ L-IVJAĠĠAR LEJN IL-PAJJIŻI KOLLHA**

DIN in-Notifikazzjoni tal-Gvern qed tiġi ppubblikata skont l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (artikolu 2 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 465. 13) u l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (artikolu 2 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 465. 26).

Persuni li għandhom ċertifikat ta' tilqim maħrug f'forma uffiċjali, u fir-rigward ta' vaċċin, rikonoxxut u approvat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jistgħu wkoll jivvjaġġaw lejn u minn Malta minn kull pajjiż elenkat hawn taħt:

Il-Belarus
Il-Beliże
Il-Bożnja u l-Ħerżegovina
Il-Butan
Il-Fiġi
Il-Ġamajka
Il-Ġeorġja
Il-Gżejjer Faroe
Il-Kosovo
Il-Każakstan
Il-Maċedonja tat-Tramuntana
Il-Montenegro
Il-Moldova
Il-Vjetnam
L-Eġittu
L-Iran
Il-Libja
Il-Panama
Il-Qatar
Kuba
Ir-Russja
Is-Serbja
It-Tajwan
L-Albanija
L-Armenja
L-Ażerbajġan
L-Arabja Sawdija

Din il-lista tista' tiġi aġġornata minn żmien għal żmien.

L-14 ta' Ġunju, 2021

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 805**

**PERIOD OF QUARANTINE ORDER AND TRAVEL BAN (EXTENSION TO ALL COUNTRIES) ORDER**

THIS Government Notice is being published in terms of the Period of Quarantine Order (article 2 of Subsidiary Legislation 465. 13) and the Travel Ban (Extension to All Countries) Order (article 2 of Subsidiary Legislation 465.26).

Persons who are in possession of a vaccination certificate which is issued in that official form, and with regards a vaccine, recognised and approved by the Superintendent of Public Health may also travel to and from Malta any country listed below:

Belarus
Belize
Bosnia and Herzegovina
Bhutan
Fiji
Jamaica
Georgia
Faroe Islands
Kosovo
Kazakhstan
North Macedonia
Montenegro
Moldova
Vietnam
Egypt
Iran
Libya
Panama
Qatar
Cuba
Russia
Serbia
Taiwan
Albania
Armenia
Azerbaijan
Saudi Arabia

This list may be updated from time to time.

14th June, 2021

**Nru. 806**

**ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)**

**Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 19 ta' Ġunju, il-Ġnien tal-Barrakka t'isfel se jkun magħluq għall-pubbliku u jkun taħt il-kontroll ta' Nikola Vasovic.

L-14 ta' Ġunju, 2021

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa ingliża (ELTC)**

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża (ELTC) jgħarrfu lill-kandidati li huma interessati li joqogħdu għall-Eżami għall-Għalliema tal-Lingwa Ingliża (TELT), li l-applikazzjonijiet bdew jintlaqgħu mit-Tnejn, 31 ta' Mejju, sal-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju, 2021.

L-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu biss onlajn.

Applikanti li m'għandhomx e-ID huma mitluba li jikkuntatjaw id-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq in-numri 25982967/2989.

2. L-eżami se jkun jikkonsisti f'Karta bil-Miktub li ser issir nhar is-Sibt, 17 ta' Lulju, 2021.

3. L-applikanti jridu japplikaw permezz tal-websajt (https://myexams.gov.mt/applications/) Dawk il-kandidati li m'għandhomx aċċess għall-e-ID għandhom jikkuntatjaw id-Dipartiment tal-Eżamijiet kif indikat fl-ewwel paragrafu.

4. Dawk kollha li ser ipoġġu għat-TELT ta' Lulju 2021 iridu japplikaw għas-SEPTT (test orali). Aktar dettalji rigward dan l-eżami jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit elettroniku: (www.eltcouncil.gov.mt).

5. Aktar dettalji relatati mas-sejħa għall-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Malta, fuq in-numru tat-telefown (+356) 25982967/2989, indirizz elettroniku: (myexams@gov.mt); jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Għawdex, numru tat-telefown (+356) 25982960/1; jew minn fuq is-sit: (https://myexams.gov.mt/).

6. Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża għandu l-pjaċir li jħabbar li fl-2021 mhux se jiġu applikati l-miżati li jintalbu s-soltu. B'hekk l-applikazzjonijiet għal dan l-eżami se jkunu bla ħlas.

L-14 ta' Ġunju, 2021

**No. 806**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)**

**Lower Barrakka Gardens**

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 19th June, the Lower Barrakka Garden will be closed to the public and will be under the control of Nikola Vasovic.

14th June, 2021

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**English Language Teaching Council (ELTC)**

1. The Director of Examinations and the English Language Teaching Council (ELTC) notify candidates who are interested to sit for the Test for English Language Teachers (TELT), that applications were received from Monday, 31st May till Friday, 18th June, 2021.

Only online applications will be accepted.

Applicants who do not have an e-ID need to contact the Examinations Department on 25982967/2989.

2. The examination will consist of a Written Session, which will be held on Saturday, 17th July, 2021.

3. Applicants are to apply online via link: (https://myexams.gov.mt/applications/) Candidates who do not have access to the e-ID are to contact the Examinations Department as indicated in the first paragraph.

4. All those sitting for August 2020 TELT session will need to apply for SEPTT (oral test). More details regarding this test are available on the ELT Council website: (www.eltcouncil.gov.mt).

5. Other details related to the call for applications may be obtained from the Examinations Department, Malta, telephone number: (+356) 25982967/2989, e-mail address: (myexams@gov.mt); or from the Examinations Centre, Gozo, telephone number (+356) 25982960/1; or from the website: (https://myexams.gov.mt/).

6. The English Language Teaching Council is pleased to announce that fees normally applicable will be waived in 2021. Thus applications for this exam will be free of charge.

14th June, 2021

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

852

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Frar, 2021, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177), ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 29 ta' Lulju, 2021, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

1. L-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1) fl-elevated ground floor level, jinsab fi Blokk B, fuq in-naħa tal-lemin meta tħares lejn il-blokka mit-triq, parti minn blokka magħrufa bl-isem ta' Saint Anthony Apartments fi Triq is-Sgħajtar, kantuniera ma' Triq Sant'Anton Abbati, drabi oħra magħrufa bħala Triq Sant'Antnin Abbati, qabel magħrufa bħala Saint Anthony Street jew Strada San Antonio, ġewwa l-Mosta. L-appartament huwa suġġett għal u jgawdi s-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu. Il-partijiet komuni tal-blokk jinkludu l-bieb ta' barra, it-tromba tat-taraġ, it-taraġ u l-indani, ix-xaft tal-lift, il-makkinarju tal-lift u l-lift jinsabu fil-blokk u dawk il-partijiet u servizzi li huma intiżi għal użu komuni tal-apartament u tal-maisonettes li minn żmien għal żmien jifformaw parti mill-blokk u l-partijiet u s-servizzi kollha msemmija fil-paragrafu (C) tal-Artikolu ħamsa (5) tal-Att dwar il-condominia. Inkluż ukoll mal-proprjetà hemm id-dritt ta' installazzjoni ta' tank tal-ilma ta' ħames mitt litru (500L), satellite dish komuni, television aerial żgħir, solar water heater panel mhux ikbar minn wieħed punt tnejn metri (1.2m) u dritt ta' aċċess f'każ ta' ħsara u manutenzjoni f'ħinijiet raġonevoli, kif aħjar deskritt fl-att tan-Nutar Anne Marie Tonna tat-tnejn u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (22/03/2011) u konfinanti mil-Lvant ma' Triq is-Sgħajtar, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' NoelCo Limited u oħrajn u mill-Punent ma' Triq Sant'Anton Abbati, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa tliet mija u ħmistax-il elf ewro (€315,000)

2. Il-garaxx internament immarkat bin-numru disgħa (9) fis-semi-basement level, formanti minn blokka magħrufa bħala Saint Anthony Apartments aċċessibbli minn rampa komuni li tiżbokka fi Triq is-Sgħajtar kantuniera ma' Triq Sant'Anton Abbati, il-Mosta, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, inkluż l-użu in perpetwu u mhux interrott u trasferibbli lil terzi mal-istess garaxx tal-partijiet intiżi għall-użu komuni, suġġett għas-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu fosthom il-mogħdija ta' drians u drainage u dritt ta' passaġġ għas-sidien tal-proprjetà

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 09th February, 2021, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 29th July, 2021, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

1. The apartment internally marked number one (1) on the elevated ground floor level, situated in Block B, on the right side when one is looking towards the block from the street, part of the block known by the name Saint Anthony Apartments in Triq is-Sghajtar, corner with Triq Sant'Anton Abbati, sometimes known as Triq Sant' Antnin Abbati, previously known as Saint Anthony Street or Strada San Antonio, Mosta. The apartment is subject to and enjoys resulting servitudes from its relative position. The common areas of the block include the front door, the stairwell, the stairs and the landings, the lift shaft, lift machinary and the lift situated in the block and the areas and services which are intended for the common use of the apartment and of the maisonettes which from years to years form part of the said block and areas and services mentioned in paragraph (C) of Article five (5) of the Condominium Act. Also included with the property is the right of installation of five hundred litre (500L) water tank, a common satellite dish, small television aerial, solar water heater panel not larger than one point two metre (1.2m) and right of access in case of damage and maintenance in reasonable hours, as better described in the acts of Notary Anne Marie Tonna dated twenty second March of two thousand and eleven (22/03/2011) and bounded East by Triq is-Sghajtar, South by property of NoelCo Limited and others and West by Triq Sant'Anton Abbati, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and valued at three hundred and fifteen thousand euro (€315,000).

2. The garage internally marked number nine (9) in the semi basement level, forming part of a block named Saint Anthony Apartments accessible from a common ramp that abuts in Triq is-Sghajtar corner with Triq Sant'Anton Abbati, Mosta, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, including the perpetual, uninterrupted and transferable right of use to third parties with the same garage of the areas intended for the common use, subject to resulting servitudes from its relative position including the drains and drainage passage and the right of passage for

sovrastanti għal skop ta' manutenzjoni u riparazzjoni, kif aħjar deskritt fl-att tan-Nutar Melanie Cassar Darmanin tal-wieħed u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (21/03/2013). L-imsemmija blokka tikkonfina mil-Lvant ma' Triq is-Sgħajtar, mill-Punent ma' Triq San Anton Abbati u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Giovanna Borg jew is-suċċessuri fit-titlu tagħha, u stmat li jiswa sebgħin elf ewro (€70,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Muscat David (KI 218594M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 5/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

owners of overlying property for maintenance and repair purposes, as better described in the acts of Notary Melanie Cassar Darmanin dated twenty first March, two thousand and thirteen (21/03/2013). The said block is bounded East with Triq is-Sghajtar, West by Triq San Anton Abbati and SouthEast by property of Giovanna Borg or her successors in title, valued at seventy thousand euro (€70,000).

The said tenement is the property of Muscat David (ID 218594M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 5/2021.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 10th June, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

853

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-27 ta' Novembru 2020, Rikors Numru 1583/2020, minn Carmelo Micallef bħala mandatarju speċjali ta' Carmen Xuereb fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur ibnu Carmelo Xuereb rigward il-vettura tiegħu tad-ditta Pontiac Grand Prix tas-sena 1974 u/jew kwalunkwe karozza li setgħet ħadet post din il-vettura, kif ukoll il-proprjetà kollha rimanenti li seta' kellu sal-ġurnata tal-mewt tiegħu favur martu Carmen Xuereb is-SUĊĊESSJONI ta' Francis Xuereb, żewġ Carmen Xuereb, bin Carmelo Xuereb u Pawla neè Zammit, imwieled Malta, kien residenti Detroit, Michigan, Stati Uniti tal-Amerika u miet Dearborn, Michigan, Stati Uniti tal-Amerika fis-16 ta' April 1989 ta' 51 sena.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 11 ta' Ġunju 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 27th November 2020, Application number 1583/2020 by Carmelo Micallef as special mandatory of Carmen Xuereb whereby he requested that it will be declared open in favour of his son Carmelo Xuereb regarding the vehicle of type Pontiac Grand Prix of the year 1974 and/or any other car that had replaced this vehicle, and all the remaining property that he might have had till the date of his death in favour of his wife Carmen Xuereb, the SUCCESSION of Francis Xuereb, husband of Carmen Xuereb, son of Carmelo Xuereb and Pawla neè Zammit, born in Malta, resided in Detroit, Michigan, United States of America, and died in Dearborn, Michigan, United State of America on the 16th April 1989 aged 51.

Wherefore any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 11th June 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603